GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION
INTERNAL AUDIT AND COMPLIANCE UNIT
OFFICE OF THE PERMANENT SECRETARY

Ref. tagħna : MEYR/11/2025/24
Ref. tagħkom : CEDUC-25-6309

14 t'Awwissu 2025

L-Onor. Prim Imħallef Emeritus Vincent A. De Gaetano
Kummissarju għall-Edukazzjoni
L-Uffiċċju tal-Ombudsman
11, Triq San Pawl
Valletta

Għażiż Kummissarju,

[redacted]

Nikteb b'referenza għall-opinjoni tal-Uffiċċju tiegħek fil-każ numru CEDUC-25-6309 u ħadna nota tal-konklużjonijiet u t-tħassib li ġie mqajjem.

Ninsabu mpenjati li nirrevedu l-proċeduri tagħna dwar l-eliġibbiltà u l-komunikazzjoni relatati mal-Programm Catch-Up sabiex:

1. Kull applikazzjoni tiġi evalwata fuq il-mertu individwali tagħha, b'riferiment għall-Individual Educational Programme (IEP) tal-istudent u kull input rilevanti mill-ġenituri;
2. Il-kriterji ta' eliġibbiltà jiġu kkomunikati b'mod ċar mill-bidu tal-proċess tal-applikazzjoni;
3. Kull deċiżjoni ta' rifjut tiġi sostnuta minn ġustifikazzjoni miktuba u speċifika għal kull każ.

Dawn il-passi se jkunu implimentati qabel il-bidu tal-proċess tal-applikazzjoni li jmiss sabiex il-prattika tagħna tkun allinjata mal-prinċipji enfasizzati fir-rapport tagħkom.

Nirringrazzjawkom tal-attenzjoni tagħkom għal dan il-każ u għall-kontribut kontinwu tagħkom sabiex jissaħħaħ is-servizz edukattiv għal kulħadd.

Charles Dimech
Direttur, Internal Audit and Compliance

cc: Is-Sur Matthew Vella, Segretarju Permanenti, MEYR

Great Siege Road, Floriana, Malta
T + 356 2598 2423 E charles.a.dimech@gov.mt
www.education.gov.mt